servizz pubbliku

Uffiċċju dwar r-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg

MIN AĦNA

Dan l-uffiċċju jservi bħala punt ta' referenza għall-impjegati f'Għawdex li jaħdmu fis-settur privat billi jindirizza problemi jew mistoqsijiet li jista' jkollhom fir-rigward tal-impjieg tag ħhom. Hija taġixxi bħala medjatur bejn min iħaddem u l-impjegati. Meta dan ma jkunx possibbli, il-kawżi mbagħad jinqatgħu mill-Qorti Kriminali. Tosserva u timplimenta l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u diversi leġislazzjonijiet sussidjarji oħra.

L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://ghawdex.gov.mt/public-bodies/ufficcju-dwar-r-relazzjonijiet-industrijali-u-ta-l-impieg/*

X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 10 minuti f'ċirkustanzi normali.

Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 2 jumejn tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *industrialandemploymentrelations.mgp@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Talba ta' Informazzjoni*

Il- kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 2 jumejn tax-xogħol.

KIF TIKKUNTATTJANA

- Uffiċċju dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali dwar l-Impjieg, Ministeru għal-Għawdex, Pjazza San Franġisk Rabat, Għawdex
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 08:00-14:00; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://ghawdex.gov.mt/public-bodies/ufficcju-dwar-r-relazzjonijiet-industrijali-u-ta-l-impieg/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *industrialandemploymentrelations.mgp@gov.mt* - +356 2215 6940